# Il-Ħuttafa

Numru 147

Lulju - Awwissu 2018



Bies

€2 għal min mhux membru

BirdLife MALTA

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf

Victor Falzon



# Ħbieb Ħuttaf

Kolonja sabiħa ta' **qroll tad-dell**

## mill-editur

Il-bieraħ mort sal-baħar u ftit bogħod minni rajt tifel u tifla jippassiġġaw max-xatt. Kellhom barmil u kultant bdejt narahom jitbaxxew, jiġbru xi ħaġa mill-ilma baxx u jpoġġuha fih. Ħsibt li qed jiġbru l-bebbux, u ta' żatat ambjentalist li jien ersaqt lejhom biex bil-ħlewwa nispjegalhom li ħafna minn dak il-bebbux ikollhom ġranċ fihom, li jmutu jekk idumu barra mill-ilma.

Għalhekk ħadt vera sorpriża meta ttawwalt fil-barmil u flok bebbux sibt boroz, tazzi, fliexken, tappijiet, frieket u skieken tal-plastik.

"Dawk x'ħa tagħmlu bihom?" staqsejthom.

"Ħeqq ovvja, ħa narmuhom," qaltli ż-żgħira b'arja li tifhem.

Bilkemm ridt nemmen li flok jilagħbu u jċafċfu fil-baħar, dawn it-tfal kienu qed inaddfu x-xatt! Ridt nara x'ħajjarhom.

"Imma billi l-plastik jibqa' fil-baħar x'fiha?"

"Għax dak jikluh il-fkieren u jmutu," spjegali ħuha.

"Mela allura intom qed issalvaw il-fkieren?"

"Eħe!" qaltli kburija t-tifla, "u anke l-għasafar u anke l-ħut għax anke dawk jieklu l-plastik."

Għedtilhom prosit ta' xogħolhom u mort lura f'posti. Wara, jien u miexi lejn il-karozza għaddejt minn ħdejn fdal ta' barbikju, u madwaru rajt mandra sħiħa li ħallew warajhom il-wikkiela maħmuġin. U f'qalbi għedt "Marelli, it-tfal iktar jafu jieħdu ħsieb id-dinja minna l-kbar!"



Victor Falzon

Jien naf li intom il-membri ta' Klabb Ħuttaf bħal dawk it-tfal taħsbuha. Il-mistoqsija hija din: Issa la tikbru ħa tibqgħu tibżgħu għan-natura, jew ħa tibdew tgħidu X'jimpurtani?

Gawdu l-bqija tal-vaganzi ħbieb, u attenti mix-xemx.




Victor

**Victor Falzon** L-Editur

## FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' **Desirée Falzon**

Il-**bies** (flying gurnard *Dactylopterus volitans*) huwa ħuta tassew stramba. Għajnejh kbar, wiċċu qasir b'għamla ftit kwadra. Għandu wkoll il-ġwienaħ tal-ġenb (*pectoral fins*) twal ħafna, u meta jħossu mhedded jiftaħhom bħal żewġ imrewħiet wesgħin biex jaħsdek. It-truf tagħhom għandhom disinn qisu bizzilla blu jixgħel. Il-bies jgħix f'postijiet bir-ramel fil-qiegħ, fejn joqgħod iferkex għal ħniex u gambli żgħar tal-qiegħ.



## X'għandna f'dil-ħarġa?

| | |
|---|---|
| Mill-editur | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Il-*countdown* taċ-ċikonji | 4 |
| Kotba ġodda | 5 |
| Is-Semmiegħa | 6 |
| Ħutna l-Ħut | 7 |
| Il-Ħuttafa | 8–9 |
| Tniġġis akustiku fil-baħar | 10 |
| Żejt il-Palm | 11 |
| Iż-Żebbuġa | 12–13 |
| L-Ispanjulett | 14–15 |
| Kolina u Żeppinu | 16 |

## Kitbu f'dil-ħarġa

Sean Bonello, Desirée Falzon, Victor Falzon, Maria Farrugia

## Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza attivitajiet għall-familja, mixi, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. It-taqsima tal-membri li għalqu t-13 tissejjaħ **Falko**. Sħubija fil-klabb hija €10 fis-sena. Tista' tissieħeb ukoll il-familja kollha, li tibda tirċievi wkoll ir-rivista *Bird's Eye View* kull tliet xhur. Sħubija għall-**Familja** hija €29.

## Kuntatt

tel **21347645 / 21347646**
indirizz **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
imejl **info@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

© BirdLife Malta, Awwissu 2018

Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

Reg.Vol.Org. VO/0052

# FIR-RISERVA TAL-GĦADIRA...




Sa ftit ġimgħat ilu fir-riserva tal-Għadira kien hemm **fjamingu** (greater flamingo *Phoenicopterus roseus*) żagħżugħ li kien ilu hemm minn Settembru tas-sena l-oħra – waħdu waħdu, forsi jgħid kelma mal-pispisell u mal-glalez. Imma kmieni f'Awwissu ħa sorpriża x'ħin niżlu ħdejh 10 fjamingi oħrajn friski friski, Ikoll żgħażagħ ta' ftit xhur (forsi minn Sqallija, għax hemmhekk ibejtu l-fjamingi). Dan kien numru rekord ta' fjamingi fl-Għadira, u mhux biss, għax minn jum għal ieħor tfaċċaw fjamingi oħrajn, fosthom adulti b'dak l-abjad, roża, aħmar u iswed tant jispikka! Min nieżel, min sejjer, min jitlaq u jerġa' jiġi lura. Qisu l-ajruport! Spettaklu sħiħ! Is-soltu fis-sajf ir-riserva tkun magħluqa imma biex il-publiku jgawdi dal-ġmiel il-BirdLife fetħet ir-riserva diversi drabi, u żaruha nies bil-gzuz.

Sa ma morna għall-istampar għad hemm numru sabiħ ta' fjamingi fir-riserva, u diversi qtajja' oħrajn qed jidhru jpassu minn fuq Malta.

# FIR-RAMLA TAL-ĠNEJNA...

Fir-ramla żgħira tal-Ġnejna reġgħet bejtet il-**fekruna tal-baħar** (loggerhead turtle *Caretta caretta*). Fil-lejl tal-24–25 ta' Ġunju 2018, fekruna telgħet l-art, ħaffret fir-ramel, biedet numru ta' bajd u reġgħet lura fil-baħar. B'xorti tajba raha xi ħadd u avża, u mill-għada stess il-bejta ddawret b'rixtellu li ma jmurx xi ħadd ideffes lasta ta' umbrella u jkisser kollox! Qed tinżamm għassa kontinwa mill-għaqda Nature Trust u voluntiera oħrajn. Jekk kollox imur sew il-bajd għandu jfaqqas fit-tielet ġimgħa ta' Awwissu.



Aron Tanti

# 18... 17... 16...



# Il-*countdown* taċ-ċikonji

Nhar il-Ġimgħa 10 ta' Awwissu 2018 telqet qatgħa ta' 18-il ċikonja bajda (white stork) minn Sqallija. Imma flok ġibdu lejn it-Tuneżija, kif jagħmlu eluf ta' ċikonji oħrajn, dawn qabdu r-rotta lejn Malta.

Dawn huma ftit mir-rekords ta' grupp berdwoċers tal-BirdLife li għal 10 ijiem segwewhom, indukrawhom u żammew lill-Pulizija aġġornati.

Il-Ġimgħa 10 Awwissu (5.00pm)
**18 deħlin minn fuq Għawdex**
Il-Ġimgħa 10 Awwissu (8.11pm)
(naqsu 5) **13 jittajru fuq il-Buskett**
Il-Ġimgħa 10 Awwissu (8.39pm)
( naqas 1) **12 jinżlu jorqdu f'Ħaż-Żebbuġ**
Is-Sibt 11 Awwissu (11.50am)
**12 jittajru fuq Birżebbuġa**
Il-Ħadd 12 Awwissu (7.00pm)
(naqas 1) **11 jinżlu jorqdu f'Ħaż-Żebbuġ**
It-Tnejn 13 Awwissu (1.00pm)
**11 jittajru fuq iċ-Ċittadella, Għawdex**
It-Tlieta 14 Awwissu (10.40am)
**11 jittajru fuq ix-Xagħra, Għawdex**
L-Erbgħa 15 Awwissu (7.00pm)
(naqsu 4) **7 jduru fuq Ħal Għargħur**

Aron Tanti



Iċ-ċikonji sabu l-krejnijiet komdi biex jorqdu fuqhom.

Aron Tanti



Tliet ċikonji jissaqqru fuq arja sħuna tielgħa mill-art.

Denis Cachia



Iċ-ċikonji jlestu biex jorqdu fuq krejn f'Ħaż-Żebbuġ

L-Erbgħa 15 Awwissu (7.45pm)
(naqas 1) **6 jinżlu jorqdu fil-Madliena**
Is-Sibt 18 Awwissu (10.20am)
(naqas 1) **5 ifittxu l-ikel fil-Magħtab**
Il-Ħadd 19 Awwissu (7.30pm)
(naqsu 3) **2 jinżlu jorqdu fil-Magħtab**
It-Tnejn 20 Awwissu (1.00pm)
(naqas 1) **1 waħdu fil-Magħtab**

B'xorti ħażina l-isforzi tal-BirdLife u tal-Pulizija ma kinux biżżejjed biex isalvaw lil dal-ġmiel ta' tajr milli jinqatlu kollha minn kriminali armati bis-snieter.

BirdLife Malta



Waħda minn xi erba' ċikonji li nqatlu f'Ħad-Dingli

# Kotba ġodda ta' BirdLife Malta




## Dragonflies and Damselflies of the Maltese Islands

**Charles Gauci**

Ktieb ġdid mimli tagħrif u ritratt dwar il-ħajja u l-ħabitati ta' kull waħda mid-19-il speċi ta' mazzarelli u damiġelli tal-Gżejjer Maltin • Bil-kulur kollu • Qoxra iebsa • 159 paġna • Bl-Ingliż • Prezz €20




## Il-Wirt Naturali ta' Għawdex

**Joe Sultana**

Ktieb li jiġbor 83 artiklu li dehru f'rivisti Għawdxin fuq medda ta' snin • Ideali għal min jixtieq jitgħallem dwar il-flora u fawna ta' Għawdex • Bil-kulur kollu • Qoxra ratba • 224 paġna • Bil-Malti • Prezz €15

Biex tixtri dawn il-kotba ċempel lill-BirdLife fuq **21347645/6** jew ibgħat imejl lil **info@birdlifemalta.org**




## Post għan-Natura

**Elisabeth Conrad • Victor Falzon**

Ktieb fuq is-siti Natura 2000 tal-Gżejjer Maltin • Ideali għal studenti tal-ġeografija fis-sekondarji • Mimli tagħrif, ritratti, tpinġijiet u mapep dwar il-flora u l-fawna tat-48 inħawi protetti f'pajjiżna • Bil-kulur kollu • Qoxra ratba • 72 paġna • Bil-Malti • Prezz €7







Join the celebrations and get your commemorative Valletta 2018 Mastercard Prepaid Cards today.

*Terms and conditions apply.*

*Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company licensed to carry out the business of banking and investment services in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta) and the Investment Services Act (Cap. 370 of the Laws of Malta).*

**2131 2020 | bov.com**

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

PREMIUM PARTNER

EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE

BOV Bank of Valletta



is-Semmiegħa

Desirée Falzon



**Peter u Sylvia, Maris u Sky huma żewġ pari tewmin ħbieb b'rabta speċjali bejniethom: li jekk jaqbdu id xulxin jibdew jifhmu x'inhi tħoss in-natura!**

# Pandemonju fil-fili





Victor Falzon

Għall-familja tat-tewmin Peter u Sylvia s-sajf kien ifisser, fost affarijiet oħra, xogħol fid-dar. Il-papà u l-mamà tagħhom kienu jieħdu l-*leave* fl-istess żmien u kulħadd imidd idejh. Sylvia u ħuha kienu jitqabbdu jagħmlu kull xorta ta' faċendi. Il-ħbieb speċjali tagħhom Maris u Sky – ukoll tewmin – kienu spiss jiġu jagħtuhom daqqa t'id. Dis-sena kien imiss lill-ġnien.

Kienet għamlet ħalba xita qawwija u kien daħlilhom l-ilma. Għalhekk il-ġenituri tat-tewmin riedu jkaħħlu t-toqob fil-ħitan li jmissu mad-dar qabel jagħmel dilluvju ieħor. It-tewmin qagħdu jgħinu lil ommhom tħallat ir-ramel u s-siment, u missierhom ikaħħal.

"Nistgħu nieħdu brejk?" garr Peter, maħlub u għarqan iġorr il-bramel. Dak il-ħin sew daqq il-bieb – kienu Maris u Sky.

"Tajjeb, waslu r-rinforzi!" daħqu t-tewmin u marru jiftħulhom. X'ħin l-erbat itfal ħarġu fil-ġnien sabu l-ġenituri bilqiegħda jieħdu brejk, għalhekk it-tewmin iddeċidew li jduru dawra mal-ġnien għax Sylvia riedet tissemma' hux kollox kien orrajt – kienet taf li ħafna drabi l-attività tal-bniedem issarraf f'għali għan-natura.

It-tewmin immiraw lejn tuta kbira xiħa. Daru magħha id f'id u mill-ewwel semgħu l-ħoss ta' gelgil irqiq, il-leħen ħelu ta' siġra qed ittella' l-ilma bil-kwiet mill-ħamrija! Semgħu wkoll l-ilħna eċitati tal-frieħ ta' bufula sewda huma u jaqbdu l-insetti minn fuq il-weraq tas-siġar.

"Għall-erwieħ, kollox jinstema' f'postu," tbissmet Sylvia.

"Stenna!" waqqafhom Peter, "Qed naqbad xi ħaġa fil-bogħod ... Qed jiġri xi ħaġa! Mhux kollox sew!"

Imbagħad semgħuhom: ilħna rqaq, inkwetati, irrabjati, imħawdin, ġejjin minn ħajt imkaħħal frisk.

*"Min daħalli f'dari? Min kissirli l-ħajt? Jaqq, kollox iwaħħal u jdellek! X'wiċċ tost! X'qed jiġri?"*

It-tewmin ġrew lejn ħajt delli li l-ġenituri kienu għadhom kif qabdu miegħu. Avolja dal-ħajt ma kienx imiss mad-dar, issa li qabdithom is-saħna tat-tikħil, il-Mamà u l-Papà baqgħu jkaħħlu kull toqba li jaraw.

"Hawn bilfors xi annimal qed ibati," qal Sky imħasseb, "imma m'jien qed nara xejn."

L-ewwel ma nduna kien Peter, li kien qed iħares lejn il-ħajt bir-reqqa.

"Hawnhekk!" qalilhom, "Tuni jdejkom" Id f'id it-tewmin resqu lejn il-ħajt.

"Veru, minn hawn ġejjin l-ilħna," qalet Sylvia eċitata.

Bejn il-fili tal-ħajt it-tfal raw forom tal-ħarir għamla ta' lembut – nisġiet bħal bizzilla waħda ħdejn l-oħra.

"Dan xogħol il-brimb," stagħġbet Maris, "Xi ġmiel ta' għanqbut..."

'U l-Papà kien qed ikaħħalhom!" qalet Sylvia, "Pa! Ma! Ejjew araw x'sibna."

Il-ġenituri kellhom jitilqu t-tazza te u jmorru jaraw. L-erbat itfal f'daqqa, li issa kienu fehmu x'kien hemm fil-ħajt, spjegaw lill-ġenituri li hemm brimb li jinseġ tubu fil-fili tal-ħitan. Jistaħba fihom u x'ħin jgħaddi insett mad-daħla tat-tubu, joħorġu jaħtfuh.

"Pa, tista' ma tkaħħlux dal-ħajt? Hekk jew hekk mhux se jidħlilna ilma minnu. U wara kollox, mhux tajjeb ikollna l-brimb tat-tubu jaqbdilna l-insetti? Servizz bla ħlas, u tiffranka x-xogħol u s-siment bla bżonn."

Il-ġenituri, li dejjem stagħġbu kif uliedhom u sħabhom it-tewmin l-oħra jafu daqshekk fuq in-natura, malajr ċedew. Fil-pront kixfu t-toqob li kienu għadhom kemm kaħħlu f'dak il-ħajt. Il-brimb tat-tubu ħa r-ruħ għax ma baqax mirdum ħaj, u baqa' jirrenja fil-ħajt tal-ġnien.

It-tewmin kienu salvaw speċi oħra mill-ġenn li għandhom in-nies biex 'inaddfu' kollox!






# Ħutna l-Ħut...

**Ftit mill-ħafna ħbieb ta' taħt wiċċ il-baħar li qed jistennewna biex ninżlu nittawlulhom das-sajf...**


**Ċawla**
Damselfish


**Sultan iċ-Ċawl**
Cardinalfish


**Xirġien**
Two-banded Seabream





**Bies**
Flying Gurnard


**Mazzun Kannella**
Bucchich's Goby


**Lhudi**
Ornate Wrasse


**Mingus**
Striped Seabream


**Trilja tal-Faxxi**
Striped Red Mullet

**Dan il-ħut kollu tista' tarah f'ilma baxx. M'għandekx bżonn apparat speċjali ħlief maskla.**


**Burqax**
Painted Comber


**Kaħlija**
Saddled Bream

**Dan il-ħut, u miegħu eluf ta' annimali u pjanti oħrajn, jgħixu fil-baħar. Meta mmorru ngħumu niftaħru li l-baħar huwa d-dar ta' dawn il-ħlejjaq, u mhuwiex il-miżbla tagħna.**

Ritratti ta' Desirée Falzon

# Ħuttafa

Barn Swallow *Hirundo rustica*



Ritratt ta' **Joe Sultana** meħud ġo bini qadim f'Għawdex


BirdLife
MALTA

MALTA NATIONAL AQUARIUM

# YOURS TO DISCOVER

In the last issue we talked about light pollution...
Now it's time to discuss NOISE POLLUTION. It is the propagation of noise with harmful impact on the activity of human or animal life.





## What is echolocation?

Marine mammals such as whales, dolphins and porpoises communicate mainly with sounds, more than with the other senses. This is because the speed of sound is four times greater in water than in the atmosphere at sea level and because the other senses are limited underwater. They use echolocation to communicate and learn about the environment.






The humpback whales produce very long songs that last 24 hours!!

## HUMAN ACTIVITY IS THE MOST RESPONSIBLE FOR SPREADING NOISE BENEATH THE WAVES. HOW?

Because of the thousands of large vessels that every year cross the ocean. Sonars, engines and propellers noise from boats produce loud sounds that can travel over long distances underwater, disturbing the communication between animals.



UNDERWATER EXPLOSIONS AND SEISMIC TESTS ADD MORE NOISE INTO THE SEA.

It is also called bio sonar and it is used by some mammals and few birds (like bats).

Echolocating animals emit calls out to the environment and listen to the echoes of those calls that return from various objects near them.




## WHAT ARE THE CONSEQUENCES FOR THE SEA LIFE?

If the animals cannot communicate with each other and use their sounds to travel in the ocean they cannot survive, as they depend completely on sounds.



BEACHED ANIMALS DIE BECAUSE THEY LOSE THEIR WAY.



Sean Bonello

# Żejt il-Palm

**Kull sena jmutu jew jinqatlu bejn 1000 u 5000 orangutan.**

Fiż-żmien riċenti sirna nisimgħu iktar spiss dwar żejt il-palm u ħafna nies huma familjari miegħu. Għal dawk li mhumiex, il-*palm oil* huwa żejt li mhux biss jittiekel imma jintuża wkoll f'varjetà kbira ta' prodotti manifatturati, minn ikel sa sapun, kożmetiċi u anke fjuwil. Iż-żejt il-palm tista' tgħid issibu f'nofs il-prodotti tad-dar.

## X'inhi l-problema?

Fih innifsu ż-żejt il-palm mhux sustanza ta' ħsara għall-ambjent. Il-problema qiegħda għax il-produzzjoni tiegħu qed tikkawża deforestazzjoni bla rażan. Il-foresti tropikali qed jinqatgħu biex flokhom jitħawlu miljuni ta' siġar tal-palm, li mill-frotta tagħhom jingħasar dan iż-żejt. Fis-Seklu 20 il-produzzjoni ta' żejt il-palm kienet ta' 250,000 tunnellata fis-sena, llum il-figura qiegħda 60 miljun tunnellata – qabża drastika fil-produzzjoni.

Bil-qerda ta' tant foresti (speċjalment fl-Indoneżja) qiegħed jinqered il-ħabitat ta' ħafna annimali, li diversi minnhom jinsabu f'riskju ta' estinzjoni, fosthom l-orangutan. L-istudji juru li iktar minn 90% mill-ambjent tal-orangutan intilef f'dawn l-aħħar 20 sena. Flimkien mal-orangutan qed jintlaqtu wkoll ħafna mammiferi oħrajn, għasafar, rettili, amfibji u insetti. Dawn ilkoll għandhom il-futur fil-periklu, speċjalment dawk li huma [1]endemiċi.




**Il-Borneo gżira enormi li sa 70 sena ilu kienet miksija foresta tropikali, ħabitat prim għall-orangutan. F'temp ta' 50 sena l-foresti naqsu bin-nofs, ħafna minnhom biex tħawlu bil-palm taż-żejt.**

## Kollox katina

Fin-natura kollox qisu katina, fejn x'jiġri lil ħaġa taffettwa lil oħra. Id-deforestazzjoni qed iżżid mal-problema tal-bidla fil-klima u fiż-żieda tat-tniġġis tal-arja bis-$CO_2$. U ħafna, ħafna iżjed effetti negattivi.

## X'nistgħu nagħmlu?

- Naqtgħu jew innaqqsu x-xiri ta' prodotti li fihom żejt il-palm. Ħafna prodotti jkollhom miktub fuqhom l-ingredjenti, għalhekk qabel nixtru tajjeb naqraw it-tikketta – xi kumpaniji jindikaw fuq it-tikketta: *No Palm Oil* jew *Palm Oil free*.
- Inqajmu kuxjenza dwar il-kwistjoni mal-familja u l-ħbieb, bħalma nagħmlu f'dis-sensiela.

## Twissija

Minkejja l-impatt diżastruż ta' żejt il-palm, studji mill-[2]IUCN juru li jekk dan jinqata' l-użu tiegħu, il-bniedem jaf idur fuq alternattivi li jagħmlu *ħsara ikbar* lill-ambjent! Is-soluzzjoni fl-aħħar mill-aħħar hi l-prattika ta' sostenibbiltà u s-sens ta' responsabbiltà mill-produtturi taż-żejt il-palm.



Huwa stmat li total ta' 170,000km$^2$ ta' art huma mħawlin bil-palm taż-żejt, jiġifieri daqs Malta... 540 darba!

[1]**endemiċi.** Speċi li jinsabu hemmhekk biss
[2]**IUCN.** Internation Union for the Conservation of Nature



# iż-żebbuġa

Is-siġra taż-żebbuġ ilha minn żmien żemżem maħbuba min-nies tal-Mediterran. Dan nafuh għax tissemma' f'diversi kitbiet qodma, fosthom fl-Antik Testment tal-Bibbja.

F'Malta ż-żebbuġa mhi xejn inqas popolari. Biżżejjed tqis li erba' rħula f'pajjiżna ssemmew għal din is-siġra: Birżebbuġa, Ħaż-Żebbuġ, Iż-Żebbuġ (f'Għawdex) u ż-Żejtun. X'għandha tant speċjali din il-pjanta?




Iż-żebbuġa hija l-iktar siġra tipika tal-Mediterran. Mhux biss hija mifruxa ma' dan ir-reġjun kollu imma tikber biss fejn il-klima tixbah lil tagħna. Pereżempju li kellhom ikabbruha l-Ingilterra jkollhom iżommuha f'serra! Iż-żebbuġa kapaċi tgħix ħafna – fost l-eqdem siġar ta' Malta hemm żebbuġ li għandu fuq l-elf sena.

Victor Falzon



Il-**frotta** hija r-raġuni prinċipali għaliex tant mijiet ta' eluf ta' żebbuġ jitħawlu. Bis-saħħa ta' dan it-taħwil, meded kbar fl-Afrika ta' Fuq illum iħaddru flok baqgħu deżert.

Il-frott mhux biss nikluh imma minnu jingħasar l-iktar żejt famuż tad-dinja. Tant hu hekk li kliem bħal *oil*, *olio*, *öl*, *olja*, eċċ. (li lkoll ifissru żejt) ġej mill-isem ta' dis-siġra. **Iż-żejt** taż-żebbuġa ma jintużax biss għall-ikel. Dari kienu jindilku bih f'ritwali reliġjużi, sportivi (ara l-kaxxa isfel) u rjali. Kienu jaħarquh fl-imsiebaħ biex jaraw fid-dlam, jużawh f'ingwenti u mediċini, u elf ħaġ'oħra.



Victor Falzon



**Il-fjuri** żgħar taż-żebbuġa jiġbdu ħafna insetti, fosthom naħal u friefet. Dawn jixorbu mill-fjuri u fl-istess ħin idakkruhom. Mingħajr insetti ma jkollniex żebbuġ.

Desirée Falzon



**Iz-zokk** taż-żebbuġa jingħaraf għax spiss ikun imħaffer. Dawn il-ħofor huma l-marka fejn fl-antik ikun inqatgħu xi friegħi u l-qoxra tas-siġra tikber madwar il-qatgħa sakemm fl-aħħar tifforma ħofra. Dawn il-ħofor huma ħabitat tajjeb għal diversi annimali żgħar, speċjalment il-brimb tat-tubu. L-injam iebes taż-żebbuġa kien jintuża ħafna għall-għodda u reċipjenti.

Tony Pace



Brimba tat-Tubu



Fil-Bibbja, meta Noè telaq ħamiema biex jara nkixfitx l-art wara d-dilluvju, il-ħamiema ġabitlu lura fergħa żgħira taż-żebbuġ. Bis-saħħa ta' dan ir-rakkont iż-żebbuġa saret is-simbolu tal-paċi.



Fi żmien il-Griegi u r-Rumani tal-Antik, iż-żejt taż-żebbuġa kien jintuża wkoll fit-tindif tal-ġisem, speċjalment mill-atleti. Wara l-isport, l-atleta kien qabel ma jinħasel jindilek biż-żejt u jgħaddi speċi ta' xafra mgħawġa (jgħidulha *strigil*) mial-ġilda u biha jneħħi ż-żejt flimkien mat-trab u l-għaraq. Bis-saħħa taż-żejt ix-xafra kienet tiżloq minn fuq il-ġilda u ma tisloħhiex. Imbagħad banju!

Victor Falzon

# L-Ispanjulett Ħabib tal-bidwi

**Bil-kwantità ta' ġrieden li jiekol, l-Ispanjulett bla ma jaf jagħti servizz ta' *pest control* lill-bdiewa li jkabbru u jaħżnu ġwież u prodotti oħrajn. Barra minn Malta l-bdiewa jipprovdu kaxxi apposta biex iħajru l-ispanjuletti jbejtu fuq arthom! Hawn Malta ftit spanjuletti jbejtu għax ħafna għadhom jinqatlu mill-kaċċaturi.**




Aron Tanti

Mark Sultana



Ir-raġel faċli tagħrfu mill-mara għax rasu tkun griża flok kannella. Għandu wkoll l-ilwien iktar kargi.



Daqs proprju ta' bajda ta' spanjulett.

L-ispanjulett huwa tajra tal-priża, u bħal ħafna tajr tal-priża oħrajn spiss jissaqqar (bl-Ingliż *soaring*). Dan jagħmlu billi jwessa' ġwinħajh kemm jista' u jiftaħ denbu beraħ. B'hekk jintrefa' 'l fuq fl-ajru bla ma jkollu għalfejn iħaddem il-ġwienaħ. B'kundizzjonijiet tat-temp tajbin, it-tajr tal-priża juża dan it-trikk biex ipassi mijiet ta' kilometri bla ma jaqdef xejn.

Aron Tanti



André Raine



Bejta ta' spanjulett bi flieles żgħar.

Denis Cachia






F'dawn l-aħħar snin xi ftit pari reġgħu bejtu b'suċċess f'pajjiżna, speċjalment f'Għawdex. Dan ir-ritratt meħud dir-rebbiegħa juri bejta frieħ imfarfrin u li diġà tgħallmu jtiru. Xorta però qed jistennew il-ġenituri jġibulhom l-ikel!

**Isem xjentifiku** *Falco tinnunculus*
**Isem bl-Ingliż** Common Kestrel
**Daqs** 31-37ċm **Xiber** 68-78ċm **Piż** 180g
**Ikel** ġrieden, rettili żgħar, eċċ.
**Ħabitat** beraħ, raba', ajruporti, eċċ.
**Status** komuni fiż-żewġ pases, ftit pari jbejtu





# L-Avventuri ta' Kolina l-Kokka u Żeppinu ż-Żrinġ

Żeppinu żring fuq ruħu u n-Nanna Kolina kokka xejn inqas fuq tagħha. Minkejja li Kolina xwejħa u Żeppinu żagħżugħ, flimkien dawn it-tnejn ikollhom avventuri mill-iktar interessanti.





Tpinġija Victor Falzon

**Żeppinu.** Passiġġata rrid li mmorru
Minn filgħodu sa nofsinhar
Ix-xagħri kollu ser induru
U anki nidħlu ġo xi dar!

**Kolina.** Veru mqareb int Żeppinu! X'inhi dil-kurżità biex tidħol f'dar il-bnedmin biex tara kif jgħixu?

**Żeppinu.** Inti filkas tiġix miegħi Nanna.

**Kolina.** Mela x'nagħmel! Biex tidħol f'xi basla u ma jkun hemm ħadd biex jgħinek.

**Żeppinu.** Wasalna Nanna, wasalna fid-dar tal-bnedmin.

**Kolina.** Din jgħidulha villa, Żeppinu, għax ħafna akbar.

**Żeppinu.** Il-aħwa Nanna, ara x'għadira għandhom il-bnedmin – ikbar minn tagħna ż-żrinġijiet. Ħa mmur naqbeż qabża.

**Kolina.** Kont se ngħidlek fejn tmur taqbeż! Dik jgħidulha pixxina u differenti ħafna mill-għadira fejn tgħix int.

**Żeppinu.** Kemm hawn affarijiet li qatt ma rajt bħalhom. Dan naħseb jgħidulu barbikju, u dawn il-boroż ħodor u griżi x'ikunu?

**Kolina.** Dawk boroż tar-riċiklaġġ u fihom jitfgħu karti, plastik u metall biex ikunu jistgħu jiġu riċiklati.

**Żeppinu.** Riċi... x'hiex?

**Kolina.** Riċiklati – jiġifieri biex minnhom jagħmlu oġġetti ġodda.

**Żeppinu.** Eee fhimtek, Nanna. Mela ħa ngħidlek x'nistgħu nagħmlu – induru dawra fuq ix-xagħri u l-karti, plastik u metall li nsibu niġbruhom kollha f'dawn il-boroż.

**Kolina.** Prosit Żeppinu, ħriġt b'idea tajba fl-aħħar. B'hekk nagħtu ħajja ġdida lil dak l-iskart mormi bl-addoċċ.

**Żeppinu.** Iva. Ejja ħa naraw min minna jiġbor l-aktar skart.

Hekk għamlu! Żeppinu u n-Nanna Kolina għamlu tellieqa min l-iktar jiġbor karti, plastik u metall minn fuq ix-xagħri għal ġol-boroż tar-riċiklaġġ li sabu fil-villa. F'ħakka t'għajn imlew tmien boroż kbar.

**Żeppinu.** Illaħwa Nanna kemm ġbarna skart fi ftit ħin. Ups, qed nisma' l-ilħna. Ħrabna qabel jarawna l-bnedmin!

**Tifel.** Min jaf hux kiesaħ l-ilma tal-*pool*. Ejja naqbżu!

**Tifla.** Zack, il-bieraħ mhux żewġ boroż imlejna għar-riċiklaġġ? Kif issa hawn għaxra? U minn fejn ġie dan l-iskart kollu?

**Tifel.** Ma nafx, stramba l-biċċa. Tlaqna nistaqsu lill-Mamà u l-Papà.

**Kolina.** Ix-Xagħri naddafna fi ftit tal-ħin
Minn karti, plastik u laned mgħaffġin
Morna narmuhom fid-dar tal-bnedmin
U lit-tfal ħallejniehom mistagħġbin!

Avventura oħra li la Kolina, la Żeppinu u lanqas dawk it-tfal m'huma ħa jinsew.

WASTESERV
CREATING RESOURCES FROM WASTE